TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Annie Gatt

vs

Gaetano Busuttil - Gejtano Couture

CCT 101/19/MS

17 ta' Gunju 2020

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fit-13 ta' Awwissu 2019 fejn talbet r-rifuzjoni tas-somma ta' €366.00, depozitu imhallas lill-intimat u spejjes ohra in konessjoni ma' libsa tat-tieg wara li l-intimat ma qediex l-inkarigu lilu moghti b'dan illi r-rikorrenti kellha tirrikorri ghand hajjat iehor, bi pregudizzju finanzjarju.

Ra illi l-intimat debitament notifikat bl-avviz tat-talba u tas-smigh ma ressaq l-ebda risposta u lanqas ma deher quddiem dan it-Tribunal meta l-kawza kienet appuntata ghas-smigh tal-provi.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-process.

Sema' x-xhieda tar-rikorrenti Annie Gatt bil-gurament.

Ra illi fis-seduta tas-26 ta' Frar 2020 il-kawza thalliet ghas-sentenza in diffett ta' ostakolu.

Ra illi ma kien hemm l-ebda ostakolu ghal prolazzjoni tas-sentenza.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi f'Gunju 2018 ir-rikorrenti marret ghand l-intimat u talbitu jhit libsa u *coat dress* ghat-tieg tat-tifel taghha li kien ha jsir f'April tas-sena 2019. Huwa accetta u talbaha depozitu ta' hamsin Euro u ftehmu illi jiltaqghu wara l-Milied. F'Jannar marret tixtri d-drapp u haditu ghand l-intimat bl-istampa ta' kif xtaqet il-libsa . Xi zmien wara marret ghall-ewwel prova u ndunat illi kien hemm xi zbalji u meta qaltlu bihom qallha illi ha jirranghom. Kull darba illi marret ghandu nnutat zbalji ohra izda huwa kien ighidilha biex thalli f'idejh. Fl-ahhar meta kien baqa' biss xahar ghat-tieg marret ghall-

**TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR**

**CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL**

MALTA

ahhar prova u l-izbalji kienu ghadhom hemm. Kien arroganti maghha u ghalhekk iddecidiet illi tmur band'ohra. Kelha tixtri iktar drapp ghal *coat dress* ili kellha terga' ssir mill-gdid. B'kollox ir-rikorrenti qieghda titlob €136.00 ghal drapp tal-kowt, €100 ghar-rakmu, €80 ghal drapp l nefqet l-ewwel darba u €50 depozitu li hallset - total ta' €366.00.

Illi kif gja nghad, minkejja n-notifiki l-intimat, la ressaq risposta u lanqas ma deher quddiem dan it-Tribunal meta nghata l-opportunita' biex jixhed u jaghti l-versjoni tieghu. Illi min-naha l-ohra x-xhieda guramentata tar-rikorrenti hija verosimili u ghandha mis-sewwa. Terga' u tghid illi fic-cirkostanzi, t-talba tar-rikorrenti hija ragonevoli u ghandha tigi akkordata fl-intier taghha.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikundanna lill-intimat ihallasha s-somma ta' ~~tlett mija~~ sitta u sittin Euro (€366.00). Bl-ispejjes ~~kontra l-~~ intimat.

Avv. Michela Spiteri
Arbitru